31998R0411

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 411/98

tas-16 ta' Frar 1998

fuq standards ta' ħarsien ta' l-annimali addizzjonali applikabbli għall-vetturi tat-toroq użati għat-tagħbija ta' annimali ħajjin fuq vjaġġi ta' aktar minn tmien siegħat

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 91/628/KEE tad-19 ta' Novembru 1991 fuq il-ħarsien ta' l-annimali waqt il-vjaġġ [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 13(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi taħt l-Artikolu 5(A)(1)(ċ) tad-Direttiva 91/628/KEE huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti l-ħtiġiet applikabbli għall-mezzi ta' trasport li se jassiguraw konformità mal-ħtiġiet tal-Komunità dwar il-*benessere* ta' annimali u b'mod partikolari dawk stabbiliti b'mod konformi ma' l-Artikolu 13(1);

Billi huwa meħtieġ, meta solipedi domestiċi u annimali domestiċi ta' l-ispeċi tal-ifrat, nagħaġ, mogħoż u qżieqeż ikunu trasportati fuq vjaġġi ta' aktar minn tmien siegħat, li jiġu stabbiliti *standards* applikabbli għat-tip ta' trasport kopert b'dan ir-Regolament magħdud ma' dawk stabbiliti f'Kapitolu VII(3) ta' l-Anness għad-Direttiva 91/628/EEC għall-mezzi ta' trasport użati;

Billi l-annimali ta' l-ispeċi kkonċernati jiġu l-aktar ittrasportati bit-triq; billi huwa għalhekk xieraq f'kull stadju inizjali li jiġu stabbiliti l-*istandards* magħduda ma' liema vetturi tat-triq iridu jikkonformaw jekk se jkunu użati biex iġorru l-annimali ta' l-ispeċi kkonċernata fuq vjaġġi ta' aktar minn tmien siegħat;

Billi, għaldaqstant, dawn l-*istandards* addizzjonali li bihom vetturi tat-triq iridu jikkonformaw magħhom huma stabbiliti mingħajr preġudizzju għal mizuri li x'aktarx jiġu adottati sussegwentement li jikkonċernaw *standards* addizzjonali applikabbli għall-ġarr ta' annimali ħajjin b'mezzi oħra ta' trasport, b' mod partikolari trasport bil-ferrovija u bil-baħar; billi sakemm jiġu adottati dawn il-mizuri futuri, id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu VII(3) ta' l-Anness għad-Direttiva 91/628/KEE jkomplu japplikaw għat-trasport ta' annimali ħajjin permezz ta' mezzi oħra ta' trasport;

Billi sabiex jiżguraw il-*benessere* ta' l-annimali kkonċernati, l-*standards* addizzjonali jridu jistabbilixxu ċertu obligazzjonijiet speċifiċi fir-rigward notevolment għall-aċċess għall-vettura, separazzjoni ta' l-annimali permezz ta' taqsima mobbli, arranġamenti dettaljati dwar tagħlif u tisqija u ventilazzjoni adegwata bbażata jew fuq kull sistema ta' ventilazzjoni forzata jew fuq kull sistema li għandha tiżgura konformità ma' skala ta' temperatura stabbilita;

Billi l-għazla ta' wieħed jew l-oħra mis-sistemi ta' hawn fuq m'għandhiex tippreġudika l-prinċipju tal-moviment ħieles ta' l-annimali,

ADDOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Meta l-ħin tal-vjaġġ ta' tmien siegħat stabbilit f'Kapitolu VII(2) ta' l-Anness għad-Direttiva 91/628/KEE ikun eċċedut, vetturi tat-triq użati għat-trasport ta' solipedi domestiċi u annimali ta' speċi ta' l-ifrat, nagħaġ, mogħoż u qżieqez ġewwa l-Komunità jridu jħarsu l-ħtiġiet addizzjonali stabbiliti fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2003, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Kunsill kull rapport imfassal fuq il-bazi ta' l-fehma tal-Kumitat Veterinarju Xjentifiku fuq l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u b'mod partikolari fuq l-applikazzjoni tas-sistemi differenti ta' ventilazzjoni, flimkien ma' proposti xierqa li jikkonsidraw il-konklużjonijiet ta' dak ir-rapport.

Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata fuq dawn il-proposti sa mhux aktar minn sitt xhur wara s-sottomissjoni.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-publikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 1999.

[1] ĠU L 340, tal-11.12.1991, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 95/29/KE (ĠU L 148, tat-30.6.1995, p. 52).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament f'kull Stat Membru.

Magħmul fi Brussel, is-16 ta' Frar 1998.

Għall-Kunsill

Il-President

J. CUNNINGHAM

ANNESS

STANDARDS ADDIZZJONALI GĦALL-VETTURI TAT-TRIQ UŻATI GĦAT-TRASPORT TA' L-ANNIMALI ĦAJJIN GĦAL VJAĠĠI TA' AKTAR MINN TMIEN SIEGĦAT

1. IL-FRIEX

Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' Kapitolu I(A)(5), it-tieni sentenza, ta' l-Anness għad-Direttiva 91/628/KEE, l-annimali għandhom ikunu provduti b'materjal xieraq ta' friex li:

(a) jiggarantixxi l-kumditá tagħhom: il-kwantità tista' tvarja fuq
   — l-ispeċi u n-numru ta' annimali li jiġu ttrasportati,
   — it-tul tal-vjaġġ,
   — it-temp;

(b) tiżgura assorbiment adegwat u tixrid ta' urina u ħmieg ta' l-annimali.

2. GĦALF

Meta, minħabba l-ispeċi u l-kategoriji ta' l-annimali li huma ttrasportati u l-ħinijiet tal-vjaġġ stabbiliti f' Kapitolu VII(4) ta' l-Anness għad-Direttiva 91/628/KEE, il-bhejjem għandhom jiġu mgħalfa waqt il-vjaġġ, id-disposizzjonijiet li ġejjin japplikaw:

(a) il-vettura użata għall-vjaġġ trid iġġor kull kwantità xierqa ta' ikel għal ħtiġiet ta' għalf tal-bhejjem in kwistjoni waqt il-vjaġġ ikkonċernat;

(b) waqt il-vjaġġ, l-ikel irid ikun imħares mit-temp u minn kontaminanti bħalma huma, b'mod partikolari, trab, karburanti, gassijiet tal-*exhaust* u urina u ħmieg ta' l-annimali;

(ċ) billi tagħmir speċifiku (ħwat, recipjenti jew kull mezz xieraq ieħor ta' distribuzzjoni ta' l-ikel) irid ikun użat biex jagħlef l-annimali, dak it-tagħmir irid jiġi trasportat fil-vettura, irid ikun adegwat għall-iskop u jiġi mnaddaf qabel u wara li jintuza u disinfettatat wara kull vjaġġ;

(d) meta tagħmir ta' l-għalf bħalma hu dak deskritt hawn fuq ikun użat, irid ikun hekk iddisinjat li ma jweġġax l-annimali u jista', jekk meħtieġ, jiġi mehmuż ma' kull parti speċifika tal-vettura biex tilqa' milli tinqaleb. Meta l-vettura tibda tiċċaqlaq u meta t-tagħmir ma jkunx qed juntuza, irid jiġi merfugħ f'kull parti mill-vettura separata mill-annimali.

3. L-AĊĊESS

Vetturi użati għat-trasport iridu jkunu mgħammra sabiex f'kull ħin jista' jkun hemm aċċess dirett għal kull annimal li qed jiġi ttrasportat sabiex jista' jiġi spezzjonat u jingħata kull kura xierqa, li tinkludi għalf u ilma b'mod partikolari.

4. VENTILAZZJONI

Il-vettura trid tkun mgħammra b'kull sistema adegwata ta' ventilazzjoni biex tiżgura li l-*benessere* ta' l-annimali li jkunu ttrasportati tkun garantita b'mod permanenti, billi jkunu kkunsidrati b'mod partikolari l-kriterji li ġejjin:

— il-vjaġġ ippjanat u t-tul taż-żmien tiegħu,

— id-disinn tal-vettura użata (miftuħa jew magħluqa),

— it-temperatura ta' ġewwa u t-temperatura ta' barra li tirrizulta minn kondizzjonijiet atmosferiċi li jistgħu jseħħu waqt il-vjaġġ ippjanat,

— il-bżonnijiet speċifiċi fiżjoloġiċi ta' l-ispeċi varji ttrasportati,

— id-densità ta' tagħbija li hemm provduta f'Kapitolu VI ta' l-Anness għad-Direttiva 91/628/KEE u l-ispazju disponibbli fuq l-annimali.

Is-sistema trid tiġi ddisinjata b'tali mod li:

— tista' tiġi użata f'kull ħin meta l-annimali jkunu fil-vettura sew meta tkun wieqfa jew tiċċaqlaq,

— għandha tiżgura ċ-ċirkulazzjoni effiċjenti ta' arja mhux imniġġza.

Għal dan l-għan, l-operaturi jridu jipprovdu:

— jew kull sistema ta' ventilazzjoni furzata, li d-dettalji tagħha se jkunu determinati wara konsultazzjoni mal-Kumitat Veterinarju Xjentifiku b'mod konformi mal-proċedura stabbilita f'Artikolu 17 tad-Direttiva 91/628/KEE,

— jew kull sistema ta' ventilazzjoni li tiżgura li kull firxa ta' temperaturi minn 5 °C sa 30 °C li tista' tinżamm ġewwa l-vettura għal kull annimal, b'tolleranza ta' + 5 °C skond it-temperatura ta' barra. Is-sistema trid tkun mgħammra b'kull tagħmir ta' sorveljanza xierqa.

Il-possibbiltà ta' għazla bejn iż-żewg sistemi m'għandux jippreġudika l-prinċipju tal-moviment liberu ta' l-annimali.

5. TAQSIMIET

5.1. Il-vettura jrid ikollha taqsimiet sabiex kompartimenti separti jistgħu jiġu maħluqa.

5.1.1. It-taqsimiet għandhom jiġu kostruwiti b'tali mod sabiex jistgħu jiġu mqiegħda f'posizzjonijiet differenti sabiex id-daqs tal-kompartiment jistgħu jiġu adattati għal-ħtiġiet speċifiċi, skond it-tip, id-daqs u n-numru ta' annimali.

6. IL-PROVVISTA TA' L-ILMA

6.1. Il-vettura trid tkun mgħammra għal konnessjoni ma' provvista ta' l-ilma waqt il-waqfin.

6.1.1. Il-vettura trid tkun mgħammra b'tagħmir immobbli jew mobbli xieraq għall-ispeċi differenti, p.eż. ħwat, bieqji, jew bżieżel, sabiex jiġu mfisqa bl-ilma l-annimali abbord il-vettura. Dak it-tagħmir irid jiġi iddisinjat b'tali mod li l-annimali ma jweġgħux lilhom infushom.

6.2. Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet stabbiliti f'6.1 u 6.1.1, vetturi li jġorru qżieqeż iridu, skond il-kapaċità, in-numru ta' annimali trasportati u l-waqfin ippjanati waqt il-vjaġġ, ikunu mgħammra b'tank ta' l-ilma jew aktar ta' kapaċità suffiċjenti sabiex l-annimali jistgħu jixorbu kemm iridu waqt il-vjaġġ.

Dawn it-tankijiet ta' l-ilma għandhom ikunu ddisinjati b'tali mod li jistgħu jiġu mbattla u mnaddfa wara kull vjaġġ u jridu jiġu mgħammra b'kull sistema li tippermetti li l-livell ta' l-ilma tagħhom jiġi ċċekkjat sabiex ikunu jistgħu jiġu mimlija mill-gdid f'kull ħin konvenjenti waqt il-vjaġġ. Iridu jkunu konnessi ma' tagħmir tax-xorb ġewwa l-kompartimenti miżmuma b'mod ta' użu tajjeb sabiex il-qżieqez ikun jista' jkollhom aċċess għall-ilma f'kull ħin. Magħduda ma' dan, kull sistema bħal bexx ta' ħniezer li huma idrati tista' tkun użata flimkien mas-sistema ta' fuq.